**KUNSILL LOKALI NADUR**
**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur**

**DISA’ (9) LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru Ħamsin (50)**

**L-Erbgħa, 10 ta’ Awissu, 2022**

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa’ fis-Sala tal-Kunsill fl-4:00 pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Joseph Vella | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |
| Josef Camilleri | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |
| Megan Portelli | Ambaxxatur taż-Żgħazagħ |

**MINUTI**

Il-laqgħa bdiet b’talba.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

## KUNSILL LOKALI NADUR

### 50.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.

Kullhadd kien prezenti.

### 50.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti u Skeda tal-Pagamenti.

Il-Minuti tat-disgħa u erbgħin (49) il-laqgħa tat-2 ta' Lulju 2022 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċjali. Dawn kienu ntbagħtu lil Kunsilliera bil-quddiem għall-kunsiderazzjoni tagħhom. Filwaqt li dawn ġew approvati unanimament, l-iskeda tal-pagamenti numru 49 ġiet iffirmata.

### 50.3. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;

Is-Sindku ta' l-aħħar żviluppi dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u l-kontijiet tal-bank.

Dħul- 1,000 euro filming production gewwa n-Nadur u 1,160 euro Ockelbo refund.

Iridu jidhlu l'quddiem 25% skema tal-Karnival DLG, skema Milied DLG, skema carnival Mejju tal-MGOZ, taċ-Charter Bienvenida u Cashel, skema MGOZ wirja agrarja u Regjun tal-festa.

Kien hemm xi kontijiet li daħlu fl-aħħar ġurnata, u dawn ġew spjegati lil Kunsilliera u aċċettati sabiex jidħlu fl-iskeda. Kien hemm qbil unanimu fuq l-iskedi ppreżentati u dawn ġew iffirmati.

Inħareġ cekk ta' 10k li Gatt fuq PPP

Il-Kunsillier Joseph Vella għamel remarka minħabba l-badges li saru ħazin peress li ma ġiex aċċettat li kienu b'arma oħra.

### 50.4. Quarterly Report April-June 2022;

Is-Sindku spjega li din l-item ser tiġi diskussa malli tiġi l-accountant tal-Kunsill.

### 50.5. Komunikazzjoni mis-Sindku, Mistoqsijiet u Żviluppi mill-Kunsilliera.

## KUNSILL LOKALI NADUR

- Repaint yellow lines Triq it-Tigrija, Triq Xandriku, Triq tad-Duru, Triq ta' Ħida, Triq Madonna ta' Fatima u parking San Gwann. Dawn lesti.
- Ħajt tas-sejjieħ fi Triq Għajn Qasab- Dan għa
- Bankina Triq Xjuf ir-Riħ biex jitranga l-madum- Din lesta.
- Rampa ta' l-injam fi Triq l-Mġarr biex jitneħħa l-periklu- Din lesta.
- Titranga pannella tal-latrina ta' Daaħlet Qorrot minn Mario Muscat. Din lesta.
- Titranga biċċa minn bankina fi Tirq ta' Said. Din lesta.
- Jitranga ċint fin-nizla ta' Daħlet Qorrot li intlaqtet min vettura. Din lesta.
- Jitranga madum ma' bankina fi Triq Xandriku ħdejn il-funtana. Din lesta.
- Sement taht bankina fi Triq il-Qortin. Din lesta.
- Titranga bankina fi Triq Agius de Soldanis. Din lesta.
- Titranga bankina mkissra kantuniera fi Triq Sant Indrija. Din lesta.
- Titranga tappiera ma' bankina fi Triq ir-Ramla. Din lesta.
- Titranga bankina fi Triq Grunju. Din lesta.
- Ħitan tas-sejjieħ fi Triq Għajn Qasab. Dawn lesti.
- Tranga madum ħdejn il-Gebuba. Din lesta.
- Bankina ġdida fi Triq ir-Ramla l-Qadima. Din lesta.
- Ħajt biex jinbena mill-ġdid bil-kantuni fi Triq ir-Ramla l-Qadima. Dan lest.
- Sement taht bankina fi Triq Cicciano. Din lesta.
- Ċint u ftit sement fin-nizla tal-bajja ta' San Blas minħabba sigurta'. Dan lest.
- Tabella tal-Klieb fil-Bajja ta' San Blas. Din lesta.
- Tabella tal-qtates fil-Bajja ta' Daħlet Qorrot. Din lesta.
- Dawl fi Triq Inzul l-Franċizi. Dan lest xegħel.
- Ħitan tas-sejjieħ fi Triq Għajn Qasab. Dawn lesti.
- Tinqala pjanta kbira min fuq il-bankina fi Triq Grunju. Din lesta.
- Ħaxix ħazin fil-Wied Buskett u toroq oħra. Dan lest.
- Ġbir ta' zrar fil-Wied ta' San Blas. Din lesta.
- Patch fi Triq Grunju. Din lesta.
- Mera biex terġgħa teħel fi Triq San Gwann. Din lesta.

Pendenti:-

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

- Sement f'passaġġ fi Triq GĦajn Qasab.
- Rampa biex titranga f'Wied ta' Grejgel imma irridu naraw kif nistgħu ndaħħlu l-makkinarju.
- Jitranga ħajt qabel ix-xitwa taht it-Triq Ta' Xurdin.
- Railings tal-kanni int u niezel San Blas.
- Inkomplu nizbhu sinjali traffiku fiċ-Ċentru.
- Konkos f' Wied il-Buskett – nistennew minn kuntrattur.
- Jitranga ċaċċis ta' Sopu.
- Bankina jitranga madum Triq Dun Guzepp Vella.

MHUX LESTI MINN TERZI:

- Give Way fi Triq Ħanaq – Il-Kunsill applika ma' TM.
- Slow signs fi Triq ir-Ramla l' fuq minn l-Almar – Il-Kunsill applika ma' TM.
- Ħitan ta' Xhajma – Dan għadu ma sar xejn fuqhom.
- Talba biex titranga it-tappiera fi Triq ta' Said għax tħabbat –Din lesta.
- Pannelli fi Sqaq San Gakbu – kwazi lesti minn Mario Muscat.
- Jitranga sqaq tad- Duru – Qed nistennew minn il-Perit.

## 50.6 Korrispondenza u Applikazzjonijiet ta' zvilupp f'art ODZ;

Korrispondenza;

| | |
|---|---|
| 6280 | AKL 2022/076 Launch of EUROPEANMOBILITYWEEK 2022 - Competitions |
| 6281 | Cirk. 7/2022 Emendi fl-ordni dwar stemmi tal-kumitati regjonali u emendi fil-regolamenti dwar proceduri ghall-gvern lokali |

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA<br>Edward Said<br>Sindku | IFFIRMATA<br>Sue-Ellen Bugeja<br>Segretarja Ezekuttiva |

**KUNSILL LOKALI NADUR**

| | |
|---|---|
| 6282 | Cirk SPI/Sci/09/2022- Finanzjament ta' proġetti kapitali-komunitatijiet isbah u aktar b'saħħithom |
| 6283 | Ittra minghand Musew subien dwar kollaborazzjoni ta 75 sena tal-Muzew |
| 6284 | Ittra minghand L-Ghaqda Armar Triq Dic. 13th dwar kollaborazzjoni ta' BBQ night |
| 6285 | PQ 1968 |
| 6286 | PQ1967 |
| 6287 | Gozo regional culture committee dwar raprezentant/a |
| 6288 | M4.3 approvazzjoni tat-toroq Irdum ta' Venuta u Wied Rihan |
| 6289 | NYTC dwar kollaborazzjoni tal-festaJum iz-zghazagh u ringrazzjament |
| 6290 | Cir AKL 2022/072 European Week of Regions and Cities - Brussels Oct 2022 |
| 6291 | Travel opportunity to the Lace Festival with Lepoglava and Town Twinning- Regjun Ghawdex |
| 6292 | Cir AKL 2022/074 Invite - Blue Heart Campaign |
| 6293 | Cir AKL 2022/073 - Kors ta' taħriġ - Evalwazzjoni ta' Sejħiet Pubbliċi 17/09/2022 |
| 6294 | CIRKULARI NUMRU SPI/SCI/7/2022 - Espressjoni ta' Interess - World Cleanup The World Campaign 2022 |
| 6295 | ĊIRKULARI NUMRU SPI/SCI/8/2022 - Espressjoni ta’ Interess – Finanzjament Milied 2022 |
| 6296 | ESF.04.079 - Travel Grants for visits to European municipalities |
| 6297 | Possibilità tal-Festival Mediterranju tal-Letteratura f’Għawdex- Regjun Ghawdex |
| 6298 | Cir AKL 2022/070 Ħruġ ta' permessi mill-Kunsilli Lokali |
| 6299 | Cir AKL 2022/069 Malta Dementia Society - Attivitajiet fil-komunita' |
| 6300 | Cir AKL 2022/063 Żjara mill-President tal-Kunsill Ewropew 22/07/2022 |
| 6301 | Cir AKL 2022/067 SeedGreen Programme- request for promotion |

*Rimarki oħra:-*

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

# KUNSILL LOKALI NADUR

**Defibrillator**- Is-Segretarja għamlet rapport no. 12/POL/3591/2022 lil Pulizija fuq Defibrillator Misruq Tal-Ħali. Kien hemm qbil li terġgħ tiġi installata oħra meta jkun hemm CCTV hemm.

**Festival Mediterranju tal-Litteratura** spjega l-Viċi Sindku, Eucharist Karistu Camilleri fuq dan.

**Bini ODZ fin-Nadur**– Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri ressaq mozzjoni:-

Peress li l-lokalita' tagħna qed isiru applikazzjonijiet ta' bini f'zoni ODZ qed inressaq mozzjoni li sakemm jiġi fi tmiemu dan il-Kunsill f'din il-legislatura il-Kunsill Lokali joġġezzjona awtomatikament fuq kull applikazzjoni ta' bini li tkun fuq art ODZ.

Kien hemm diskussjoni fit-tul.

Il-Kunsillier Jean Paul Portelli innota li dan huwa xogħol il-Planning Authority jekk hadd ma' joġġezzjona.

Is-Sindku qal li huwa iħoss li dawn l-artijiet għandhom jiġu protetti u jħossu li huwa fi dmir li tal-inqas niehdu hsieb zoni ODZ u wara imbgħad ikun hemm decizjoni finali tal-Planning Authority. Is-sindku innota li huwa jissekonda din il-mozzjoni għaliex hu ma jistax joqod ma jagħmel xejn fuq dan ir-rigward.

Il-Kunsillier Joseph Vella għamel mistoqsija għaliex issa qed isir din il-mozzjoni meta ilna tant f'din il-legislatura? Is-Sindku għamel mistoqsija oħra lil Kunsillier Joseph Vella għaliex mhux issa?

Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri innota li hu ġie avviċinat min nies qabel fejn qalulu li bhala Kunsill ma għamilna xejn u issa ħass li għandu jagħmel din il-mozzjoni.

Is-Sindku staqsa lil Kunsillier Joseph Vella li kif qed jgħid hu dawn is-sentejn il-Kunsill ta' issa ma għandu jagħmel xejn fejn jidħol ODZ? Il-Kunsillier Joseph Vella ikkonferma dan u qal imbagħad jara Kunsill ieħor ta' wara. Joseph Vella qal imma jekk imbgħad tidħol petizzjoni jew ilment min xi hadd l-Kunsill jiddiskuti bhal affarijiet oħra imma mhux fuq kull applikazzjoni.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

Is-Sindku reġa qal li hu jaqbel mal-mozzjoni ta' Eucharist Camilleri u talab lil Kunsillier Josef Camilleri jitkellem fuq kif iħoss hu. Il-Kunsillier Josef Camilleri qal li wisq jibza li ser jkun hawn kullimkien bil-bini u għalhekk qal li jaqbel.

Is-Sindku talab għal vot fuq din il-mozzjoni. Il-Kunsillier Joseph Vella talab għal vot sigriet.

Ma kienx hemm qbil dwar il-vot sigriet, pero s-Sindku zamm max-xewqa tal-Kunsillier Joseph Vella u talab vot sigriet. Minkejja dan is-Sindku u Eucharist Camilleri riedu li fil-minuti jkun hemm car li huma kontra zvilupp f'ODZ.

Il-Mozzjoni għaddiet bi tlett voti favur u tnejn kontra. Il-Kunsill ser jitlob lil Perit ilesti d-dokumenti biex il-Kunsill idaħħal 'objection'.

**Storm water gutter fi Triq ta' Ħida-** Il-Kunsill ser jibgħat ittra bl-avukata tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku mar on site peress li dawn kienu saru mill-Kunsill li hu kien parti minnhu ilu. Hu innota li hemm kien hemm gutters li ingħalqu waqt li kien qed isir il-bini tal-persuni u issa qed jagħmlu l-ilment.

**Kollaborazzjoni Museum Subien 75 sena**- Kien hemm qbil li l-Kunsill jikkollalbora bl-ammont ta' 500 euro.

**BBQ ta' l-Għaqda Armar Diċembru 13**- Kien hemm qbil li l-Kunsill jikkollabora b'entertainment bl-ammont ta' 150 euro.

**Gozo Regional Committee for Culture**- Kien hemm qbil li tintgħazel Natalie Cassar.

**Wirja ta' Presepju Naplitan**- kien hemm qbil li l-Kunsill iħallas il-lodging, travelling costs u garr minn barra tal-materjal ta' l-artist u isir exhibition fit-3 ta' Diċembru fil-Kunsill.

**Proposta mingħand Stanley Portelli għal kunċert Recital**. Kien hemm qbil li l-Kunsill jistenna' l-ewwel stima u dettalji fuq post etc u imbgħad jikkollabora.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

## KUNSILL LOKALI NADUR

Talba għal kollaborazzjoni mingħand l-għaqda Armar Triq il-Kappillan fuq bbq. Kien hemm qbil li l-Kunsill jikkollabora bl-ammont ta' 200 euro.

Talba għal kollaborazzjoni mingħand l-għaqda Armar Triq Xandriku għal Xandriku feast. Kien hemm qbil li l-Kunsill jikkolabora bl-ammont ta' 200 euro.

Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri innota li meta kien hemm ic-Charter f'Spanja kien hemm mill-group li ħallsu għal hand luggages biex ingarru l-affarijiet għal-culinary night. Kien hemm qbil li jitħallsu dawn l-ispejjez.

Il-Kunsillier Joseph Vella innota li kellu ilment rigward resident li qed jistaqsi rigward kif qed tkun mgħaluqa l-Pjazza u mhux tgħaddi l-Bus. Is-Sindku innota li l-Kunsill ga bgħat twegiba fuq din lil Kummissjoni tal-Persuni b'dizabilta kif ukoll lil DLG peress li Pjazza kienet qed tkun mgħaluqa minħabba l-weekends.

*Dan il-ħin ġiet l-accountant.*

Din tat spjegazzjoni li l-Quarterly Report ingħalaq b'FSI ta' 4% Positive u b'hekk il-Kunsill issa qiegħed b'surplus. Kien hemm diskussjoni fit-tul u kien hemm kliem ta' tifħir mingħand Il-kunsilliera ta' kif irnexxilu l-Kunsill jimxi b'għaqal biex wasal sa hawn.

Is-Sindku innota li kuntent ħafna li wasalna sa hawn u qal li l-Kunsill għandu l-allokazzjoni biex tintuza għal bzonnijiet tar-residenti u proġetti u mhux biex jitpoġew fil-bank u ma jintuzawx izda jintuzaw tajjeb b'mod prudenti u b'mod li ma inpoggux il-Kunsill f'pozzizjoni ħazin. Hu irringrazzja lil Accountant u talabha bhal dejjem tigbed l-attenzjoni fejn ikun hemm il-bzonn.

Il-Kunsillier Joseph Vella faħħar dan il-Kunsill u anke ta' qabel. Hu kompla jgħid li illum hemm ħafna għajnuna mingħand departimenti fuq skemi fejn il-Kunsill kien qabel joħrog parti kbira tal-flus u illum permess ta' dawn l-iskemi huwa aktar possibbli.

Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri qal li hemm skemi veru illum ħafna izda ħafna xogħol li qabel kien

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

fuq il-Kunsill ġie limitat lilna u marru fuq tal-Gvern.

Il-Viċi Sindku faħħar lis-Segretarja, Sindku u Accountant.

Kien hemm qbil unanimu fuq il-Quartely Report u dan ġie approvat.

Kien hemm talba mingħand il-Perit Bigeni fuq Sqaqien fi Triq Ċimċem. Dawn isir manutenzjoni meta jiġi mitlub il-Kunsill fihom u ma humiex mgħaluqa għal pubbliku b'gate. Kien hemm qbil fuq dan mill-Kunsilliera.

50.7. Skemi u Offerti Pubbliċi;

M4.3- Rural Roads- Ġew approvati Triq l-Irdum ta' Vnuta u Triq Wied ir-Riħan. Is-Sindku innota li ser jiġi applikat ukoll il-co-financing biex dawn ma jitħallsux minn naħa tal-Kunsill. Ser ikun hemm ukoll l-għajnuna ta' SEM biex jgħinu fit-tmexxija tad-dokumenti meħtiega u xogħol.

Skema Għall-żvillup u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex maħruġa minn naħa tad-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy- Il-playing field kwazi lest u wara nibdew l-claim fuqhom.

Skema Reġjonali –Ambjent 2021- Saret site inspection fil-latrina ta' Triq it-Tramuntana u x-xogħol ser isir f'Ottubru.

Skema Reġjonali –Kultura Għawdex 2021. Il-Kunsill ser jibda l-claim fuq in-nar, kunċert u wirja agrarja.

Skema Reġjonali Librerija fil-Lokalita 2021- Kollox lest kemm isir launching u claim.

Skema Għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021 maħruġa minn naħa tad-Direttorat għall-Gvern – Il-Kunsill ġie approvat għal kunċert tal-Milied 2022.

**Skema LESA-** Il-Latrina ġiet approvata minn naħa tal-Awtorita' tal-Ippjanar u ser napplikaw meta toħrog it-tielet sejħa.

**Skema Reġjun – Parks u Ġonna u Spazji Pubbliċi**- Il-Kunsill għamel DNO lil Planning Authority.

**Skema Playing Fields 2022**- Il-Kunsill applika għal playing field ta' San Blas.

**Skema Kulturali 2022-** Il-Viċi Sindku ta update fuq il-kunċert tal-Milied.

**Skema Finanzjament Milied**- Is-Sindku ta update rigward l-applikazzjoni li saret u l-attivita'. Kien hemm qbil fuqha.

**Skema Finaanzjament Proġetti Kapitali u Komunitajiet Isbaħ u aktar b'saħħithom Cirkulari no. SPI/SCI/09/2022-** Is-Sindku għamel suġġeriment biex isir refurbishment tal-Pjazzetta Dun Martin Camilleri. Jitwaħħlu bankijiet għal persuni b'dizabilta', lapida tas-shelter b'informazzjoni fuq il-gwerra, desinn ma' l-art li jsir ma' artist, bdil tal-madum u d-dwal. Kien hemm qbil li l-Kunsill japplika għal din l-iskema u li jitħallas l-ammont ta' 15% minn naħa tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Joseph Vella staqsa rigward il-Muxa ta' San Gwann kienx hemm għajn ta' l-ilma biex isir xi ħaga fuq is-sit. Is-Sindku innota li l-applikazzjoni ga lesta.

**Offerti Pubbliċi:-**

Offerta tal-Knis fi Triq ix-Xagħri- Din l-offerta ser tgħalaq u kien hemm qbil li ma tergax tinħareg offerta u tinkines mill-ħaddiema tal-CWS.

NLC/07/2022 *'The Provision of lighting, electrical systems and ancillary equipment for the Nadur Delicata Wine festival 2022'*. Kien hemm żewġ offerti. Il-Kunsill approva l-offerta ta' Chris Gauci bl-ammont ta' 5,500 euro vat excl. Wara li ġiet rakkomandata mill-bord tal-offerti wara li kienet l-orħos u konformi.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

NLC/05/2022 *'The Provision of a PA system for the Nadur Delicata Wine Festival 2022.'* **Kien hemm żewġ offerti.** Il-Kunsill approva l-offerta ta' Pro Stage Sound bl-ammont ta' 2,950 euro vat excl. Wara li ġiet rakkomandata mill-bord tal-offerti wara li kienet l-orħos u konformi.

50.8 Attivitajiet, Inizzjattivi u Ħidma Soċjali;

**50.8.1. Innu tan-Nadur**- Ser isir laqgħa fit-18 ta' Awissu.

**50.8.2. Kors presepji-** Il-Kunsillier Jean Paul Portelli ta update u ġiet diskussa l-wirja.

**50.8.3. Delicata Wine Festival-** Is-Sindku ta' l-aħħar zviluppi. Il-Kunsill tellgħa bix-xorti l-għaqdiet minħabba l-bars. Tellgħu NTYC u l-Għaqda Armar Triq Diċembru 13. Kien hemm qbil li dawn iz-zewg ghaqdiet jistghu jergghu japplikaw fil-legislatura l-gdida.

**50.8.4. Fondazzjoni Karnival-** Ser isir meeting fit-13 ta' Awissu biex tintgħazel il-logo u pjan.

**50.8.5. Charter-** Il-Viċi Sindku ta' update fuq Bienvenido u Charter of Libraries.

**50.8.6. Jum il-Kunsill**- Il-Kunsill ser joħroġ applikazzjoni għal pubbliku għal Ġieħ in-Nadur. Kien hemm qbil li l-program jikkonsisti f'ħarga għat tfal bit-train u film, Clean up minn Nadur Nadif, mixja, quddiesa, Kunċert San Koronatu, ħarga għal l-anzjani, sports day il-muzew, open day attraction sites, tournament u Ġieħ in-Nadur u premijiet u kif ukoll residenzi onorarji.

**50.8.7. Halloween 2022**- Saret applikazzjoni u ser isir meeting minħabba is-Shelter ma Jamie Camilleri u l-program.

**50.8.8. Baveno**- Is-Sindku ta' update dwar is-safra tal-group li ser ikun fl-20-24 ta' Ottubru. Il-Viċi Sindku għamel mozzjoni biex minbarra il-Kunsilliera u s-Segretarju Ezekuttiv anke l-staff tal-Kunsill ikunu jistgħu jiġu refunded fuq is-safra ta' Baveno peress li s-Segretarja innotat li hemm

Direttiva *03/2021 Per Diem Applikabbli għas-Sindki, Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi*. Il-Kunsillier Jean Paul Portelli issekonda din il-mozzjoni u kien hemm qbil mill-Kunsilliera l-oħra ukoll.

**50.8.9. Milied** Ġie diskuss l-attivita' tat-tfal u ftuħ ta' Santa House u huts. Is-Sindku ta update fuq dekorazzjoni li ser jagħmlu Għaqda Armar Triq il-Kappillan. Ser tinħareġ l-offerta tad-dawl tal-Milied.

**50.8.10. Nadur 8k**- Is-Sindku ta' l-aħħar zviluppi.

**50.8.11. Song Festival –** Kien hemm qbil isir f'Ottubru ma' Gaffiero Productions.

**50.9. Proġetti u Xogħolijiet Oħra.**

**50.9.1. Triq ir-Ramla l-Qadima-** Sar site visit u ix-xogħol ser jitkompla f'Settembru. Kien hemm qbil li l-Kunsill jagħmel talba lil MGOZ biex jitkompla bis-sement sa Xurdin.

**50.9.2. Belvedere Triq ir-Ramla l-Qadima**- Il-Kjarifiki tad-DPF lesti u qed nistennew risposta.

**50.9.3. Dawl ta' Triq it-Tramuntana soft area**- Il-Kunsill ser isib Kuntrattur ieħor. Jgħaddi id-dawl.

**50.9.4. Railings ta' Xhajma**- Il-Kunsill għadu bla risposta minn naħa ta' MGOZ.

**50.9.5. Zebgħa bullards fi Triq Arc Saver Cassar u Pjanti**- Dawn għadhom ma sarux.

**50.9.6. Dawl Monument tal-Gwerra**- Dan isir wara li tinfetaħ il-librerija.

**50.9.7. Festun tal-Pjazzetta-** Ser naraw li isir wieħed fiss.

**50.9.8. Belvedere fi Triq tad-Duru**- Dan ser jibda fil-ġranet li ġejjin.

**50.9.9. Dwal tal-Brazzi tal-Pjazzetta**- Il-Kunsill ser jipprova ibiddel l-parti ta' fuq għax qdiemu ħafna.

**50.9.10. Gazebo fil-Belvedere DC Cocco Palmeri**- Il-Kunsill ser jara jixtrix waħda.

**50.9.11. Maintenance tad-dawl-** DC Cocco Palmeri, u shelter.

**50.9.12. Bankijiet ġodda fil-Pjazza-** Hemm il-ħsieb li jiġu applikati fuq fondi DPF.

**50.9.13. CCTV** fil-gonna tal-Ħali, Gnien il-Kunsill u ta' Kenuna. Dawn jiġu applikati l quddiem fuq fondi DPF.

**50.9.14. Isiru site visits** mal-Perit inkluz Pjazzetta, Duru, Xandriku.

**50.10.Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku.**

**50.10.1.Rikjesti mis-Sindku:**

Sement biex ikun ilquħ f'Wied f'Daħlet Qorrot għax inkella ser jingar kollox.

Jitranga passaġġ fi Triq ta' Zrajk bi ftit sement.

Ftit sement ma' ħadida fi Triq il-Knisja.

Jinbnew żewġ ħitan żgħar tas-sejjieħ.

Nordnaw żewġ gates tal-ħadid għal Tal Ħali mingħand Jason Saliba.

Inkomplu bil-qtugħ ta' ħaxix ħazin fl-area  ta' Xurdin, Wied Bingemma u Daħlet Qorrot.

Dog bin ġdid fi Triq San Blas.

Ftit kantuni għal fuq ċint fi Triq ir-Ramla.

Zbir tal-palm tal-Ħali u soft area Triq ir-Ramla.

Jinbnew zewġ ħitan tas-sejjieh fi Triq ir-Ramla Qadima.

Tabelli tat-tfal biex jaqsmu ġdejn Grawnd tal-Futbol.

Tabella kbira taz-żibel fi Triq San Gakbu.

Yellow line faċċata garage fi Triq it-Telegrafu.

Yellow line ma' kantuniera fi  sqaq Wied ir-Rihan.

Ħajt mimli graffiti biex jitneħħa f' San Blas.

**50.10.2 Rikjesit mingħand Eucharist Camilleri;**

Zbir tas-sigar fil-playing field Xandriku u indafa.

Talba għal aktar parking fi Triq Diċembru 13.

Ħadida fir-Rampa ta' daħlet Qorrot. Il-Kunsill qiegħed f'kuntatt mal-MGOZ.

Talba biex jitranga sement fi Triq it-Telegrafu.

Titranga tabella fi Triq ir-Rabat. Din suppost lesta.

Nitkellmu ma TM rigward area San Koranatu tabelli u sinjali.

Zbir ta' Ħarruba di Triq Daħlet Qorrot.

Il-Viċi Sindku innota li ser jagħmlu nar u kuruna fuq il-monument ta' Bryan kemm javza lil Kunsill.

**50.10.3 Rikjesti mingħand Joseph Vella:**

Trinka biex titwassa fi Triq ir-Ramla l-Qadima minħabba xita.

Patching fi Triq Grunju hemm toqba.

Jitranga rail fi Triq il-Knisja mal-bankina.

Tindif tal gandott fil-Belveder tad-Duru

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

## KUNSILL LOKALI NADUR

### 50.10.4. Rikjesti mingħand Jean Paul Portelli:

Zbir tal-palm ta' Duru ma Xini street. Dawn siru m'ilhomx.

Patching minħabba toqob fi Triq Wieh ir-Riħan.

Talba għal yellow lines fi Triq kantuniera Grunju

### 50.10.5. Rikjesti mingħand Josef Camilleri:

Tabella fi Triq San Gwann biex terġgħa isir għax spiċċat.

### 50.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa spiċċat fit-8:00pm. Il-Laqgħa li jmiss ser tkun fit-13 ta' Settembru fl-4:00pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |